SANTA LUĊIJA

**MINUTI – IS-SITT KUNSILL**

**LAQGĦA NUMRU 28-14**

Illum it-Tnejn, 19 ta' Mejju 2014

Il-Kunsill iltagħqa fl-Uffiċċju Amministrattiv, 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol, Santa Luċija fl-4.30pm.

**PREŻENTI**

Is-Sindku Frederick Cutajar, il-Viċi Sindku Terrence Ellul u l-Kunsilliera: Joe Bonello u Victor Camilleri. L-Ambaxxatriċi għaż-Żgħażagħ, Claire Mamo ma kienetx preżenti għal din il-Laqgħa.

**SKUŻATA**

Il-Kunsilliera Caroline Galea nfurmat lil Kunsill permezz ta' *e-mail* li ma setgħatx tattendi għall-laqgħa.

**TALBA**

Is-Sindku qal it-talba.

**1. MINUTI**

Il-Minuti tal-Laqgħa numru 27-14 li saret nhar il-Ġimgħa, 25 ta' April 2014 ġew moqrija u approvati.

1.1 *Mill-Minuti*

**1.1.1 ATM f'Dawret it-Torri**

Is-Sindku, s-Sur Frederick Cutajar irrefera għal minuta 4.2 tal-laqgħa preċedenti u nforma l-Kunsill li l-permess għall-installzjoni ta' ATM ġdida kien approvat mill-Mepa.

**1.1.2** Is-Sindku rrefera għal minuta 4.3 tal-laqgħa preċedenti u qal li l-ktieb dwar San Piju X kien lest u ser jitqassam lit-tfal ta' Santa Luċija kollha fl-okkazzjoni taċ-Ċentinarju ta' San Piju X, patrun ta' Santa Luċija.

**1.1.3 Inawgurazzjoni tal-Proġett ta' Rinovazzjoni ta' Ġnien is-Serenita'**

Il-Kunsillier Joe Bonello qal li xtaq jirringrazzja l-Amministrazzjoni tal-Kunsill għal organizzazjoni perfetta taċ-ċerimonja ta' inawgurazzjoni ta' Ġnien is-Serenita.

## 2. KORRISPONDENZA

**2.1** ***Listi***

Lista tal-korrispondenza riċevuta u lista oħra tal-korrispondenza mibgħuta mill-Kunsill bejn il-25 ta' April 2014 u id-19 ta' Mejju 2014 ġew ippreżentati fil-laqgħa.

Kopja taż-żewġ listi ntbagħtu lil Kunsilliera kollha.

**2.2** ***Korrispondenza miġjuba għall-attenzjoni tal-Kunsill***

**2.2.1** ***Ittri mibgħuta mill-Kunsill:***

- **0585/14/O – Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma –** ***Trenching works*** **fi Triq l-Iris u Triq Pensjeri**

### 2.2.2 *Ittri li rċieva l-Kunsill:*

- 0542-14-I – Ittra minn residenta – Ilment
- 0545-14-I – Transport Malta – *Reserved Parking Bay*
- 0557-14-I – Ittra minn resident – Żvillupp f' Wied Garnaw
- 0591-14-I – Reġjun Nofsinhar – Laqgħa – Fondazzjoni Valletta 18
- 0594-14-I – Dipartiment Għall-Gvern Lokali – Abbozz ta' l-Istandards Nazzjonali għal Djar Residenzjali - Residenti għal tul taż-żmien
- 0598-14-I – *National Commission for the Promotion of Equality – NCPE Annual Conference*
- 0602-14-I – L-Onor. Robert Cutajar – Stedina għall-Konferenza Nazzjonali tal-Isport
- 0603-14-I – Resident – *Reserved Parking Bay* fi Triq l-Anzalor
- 0605-14-I – Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali – *National Workshop on Sustainable Domestic Water Use.*
- 606-14-I – *Glamorous Entertainment – Photo Shoots*
- 0607-14-I – Santa Luċija Library – *Donation of Maltese Novels*
- 608-14-I – *American Chamber of Commerce in Malta – Invitation Transatlantic Trade and Investment Partnership*

### 2.3 *Rapporti u Dokumenti oħra ppreżentati lil Kunsill:*

- Reġjun Nofsinhar – Sessjoni Plenarja Annwali – Rapport Amministrattiv 2013-2014
- Reġjun Nofsinhar – Sessjoni Plenarja Annwali – Rapport Finanzjarju Għas-Sena 2013
- *Elderly Home for the South of Malta – Project Brief*

## 3. PUNTI MQAJMA

**3.1** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 0542-14-I il-Kunsill qabel li jipparteċipa fl-iskema ta' *Life Long Learning* billi joffri li jsiru fil-Kunsill lezzjonijiet bażiċi fil-Malti, Ingliż, Matematika u Xjenza li ser jiġu offruti mingħajr ħlas.

**3.2** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 0542-14-I il-Kunsill innota ittra minn residenta dwar ċint fi Triq Inez Soler li għandu bżonn ta' manutenzjoni. Is-Sindku qal li x-xogħol fuq dan il-ħajt issa kien lest.

**3.3** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru ta' referenza 0545-14-I il-Kunsill innota ittra minn Transport Malta li nfurmat il-Kunsill dwar residenta li għadha elegibbli għal *Reserved Parking Bay*.

**3.4** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 0557-14-I is-Sindku nforma l-Kunsill dwar ittra li ntbagħtet minn resident li kritika l-istqarrija li ħareġ il-Kunsill fir-rigward tal-proposta ta' żvilupp f'Wied Garnaw.

**3.5** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 0591-14-I innota li minħabba mpenji politiċi ta' din il-ġimgħa partikulari ma kienx possibbli għal membri tal-Kunsill li jattendu għal laqgħa organizzata minn Fondazzjoni Valletta 18 li kienet ser issir il-Ħamis 22 ta' Mejju 2014.

**3.6** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 0594-14-I ġie deċiż li l-Kunsillier Joe Bonello għandu jwieġeb il-kwestjonarju dwar l-abbozz ta' *Standards* fid-Djar Residenzjali – Residenti għal Tul ta' Żmien

**3.7** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 0598-14-I il-Kunsill innota stedina għall-*NCPE 10th Annual Conference.* Il-Kunsillier Victor Camilleri qal li kien ser jattendi għal din il-konferenza.

**3.8** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 0602-14-I il-Viċi Sindku kien ser jattendi għall-Stedina għall-Konferenza Nazzjonali tal-Isport.

**3.9** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 0603-14-I il-Kunsill laqgħa talba ta' resident biex issir *Reserved Parking* għal *blue sticker holders* fi Triq l-Anżalor.

**3.10** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 0605-14-I il-Kunsill innota Cirkulari AGL Cirk 38/2014 dwar *National Workshop on Sustainable Domestic Water Use*. Il-Viċi Sindku qal li kien ser jipprova jattendi.

**3.11** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 0606-14-I il-Kunsill innota talba biex issir *photo shoot* marbuta ma' *beauty pageants* fi Ġnien is-Serenita'. Il-Kunsill qabel li għandha tiġi applikata r-rata ta' ħlas skond kif hemm fil-Bye-Laws ta' Ġnien is-Serenita'.

**3.12** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 0607-14-I, is-Sindku qal li l-librara infurmat lil Kunsill li resident minn Santa Luċija kien għamel donazzjoni ta' numru kbir ta' kotba, f'kundizzjoni perfetta, ta' novelli bil-Malti. Huwa qal li ser tinbagħt ittra ta' ringrazzjament lil dan l-individwu ta' dan il-ġest hekk apprezzat.

**3.13** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 608-14-I, il-Kunsill innota stedina mingħand l-*Americam Chamber of Commerce ta' Malta* li qed jorganizza seminar bl-isem ta' *Transatlantic Trade and Investment Partnership*.

## 4. KOMUNIKAZZJONIJIET

### 4.1 *Proposta Dar għall-Anzjani*

Is-Sindku nforma lil Kunsill li l-iżviluppaturi tal-proposta għal bini ta' dar għal anzjani fil-konfini ta' Santa Luċija kienu preżentawlu *brief* dwar il-proġett propost. Huwa qal li minn dan il-*brief* ħarġet aktar informazzjoni dettaljata ta' dan il-proġett. Huwa rrimarka li f'din il-proposta l-aċċess għal din id-dar ta' l-anzjani ser ikun minn Vjal il-Kunsill ta' l-Ewropa fejn hemm id-dħul għall-iskola Sekondarja tal-Bniet li tinsab fil-konfini ta' Santa Luċija. Is-Sindku qal ukoll li huwa staqsa lil investituri jekk kienux lesti li jattendu għall-laqgħa pubblika u jispjegaw lin-nies dwar l-iżvilupp propost. Huwa qal li dawn ma sabu l-ebda oġġezzjoni li jipparteċipaw.

### 4.2 Skema Tar-Reġjun Nofsinhar dwar il-Librerija

Is-Sindku nforma l-Kunsill li ir-Reġjun Nofsinhar kien ippreżenta uffiċċjalment għotja ta' elf ewro (€1000) li jistgħu jintużaw għal xiri ta' kotba, manutenzjoni u apparat neċessarju għall-libreriji, kif ukoll publikazzjonijiet edukattivi fuq l-għarfien tal-lokal.

### 4.3 Attivita' fi Ġnien is-Serenita' - Traditional Martial Arts Gathering

Is-Sindku nforma l-Kunsill dwar attivita' li ser issir fi Ġnien is-Serenita' b'risq Puttinu Cares. Huwa qal li din l-attivita' ser tittella' mill-Genbukan Ninpo Bugei Enshin Dojo, Malta, bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali ta' Santa Luċija b'risq Puttinu Cares. Din l-attivita' bl-isem ta' Traditional Martial Arts Gathering ser issir nhar is-Sibt, 14 ta' Ġunju 2014 fi Ġnien is-Serenita' f'Santa Luċija. Huwa qal li ser ikun hemm diversi skejjel tal-Martial Arts li ser jieħdu sehem u jagħtu esibizzjoni ta' għoxrin minuta kull wieħed. Is-Sindku qal ukoll li ser ikun hemm *food stalls* fil-*Picnic Area* li ser jipparteċipaw b'donazzjoni lejn Puttinu Cares

### 4.4 Bandli fis-Sajf

Il-Viċi Sindku rrefera għal l-istorbju sa tard bil-lejl li jkun hemm fl-area tal-*Playing Field* fix-xhur tas-Sajf u qal li ta min jaqbad jaħseb kif tista tiġi ndirizzata din il-problema. Il-Kunsill qabel li jitkellem ma' l-pulizija dwar din il-problema biex jara x'miżuri jistgħu jittieħdu biex ineħħu jew itaffu dan l-inkonvenjent.

### 4.5 Attivita' fl-okkażjoni ta' Jum il-Missier

Il-Kunsill qabel li għandha tiġi organizzata attivita' fl-okkażjoni ta' Jum il-Missier. Din l-attivita' għandha issir nhar is-Sibt, 21 ta' Ġunju 2014 fi Ġnien is-Serenita'.

## 5. AFFARIJIET FINANZJARJI

### 5.1 *Ħlas ta' pagamenti*

Approvazzjoni għall-ħlas ta' kontijiet permezz ta' ċekkijiet minn numru BOV5039 sa numru 5078 kif illistjati fl-iskeda tal-pagamenti għal-perjodu 23-04-2014 sa 08-05-2014 (Skeda Nru. CM 28).

Lista ta' *Schedule of Payments* intbagħtet lil Kunsillieri kollha flimkien mal-Minuti numru CM27-14(25-04-2014)

### 5.3 *Approvazzjoni għall-Ħlas ta' Kontijiet dwar Xogħolijiet bil-Kuntratt:*

| Kuntrattur | Kuntratt | Kont | Ewro |
|---|---|---|---|
| Owen Borg | SS(57-12-01) | Serv.April14 | 1024.25 |
| Ricky Caruana | RM/PF(57-12-02) | 19-2014 | 1035.50 |
| Ricky Caruana | RM/PF(57-12-02) | 22-2014 | 185.25 |
| Ricky Caruana | RM/PF(57-12-02) | 21-2014 | 90.25 |
| ELC Ltd | PKG 57 | Serv. Apr,14 | 2061.50 |

## 6. FINANCIAL STATEMENTS AND MANAGEMENT LETTER - 2013

Is-Sindku nforma l-Kunsill li l-Awdituri Ġenerali bagħtu l-kopja tal-*Audited Financial Statements* għas-sena Finanzjarja 2013 flimkien ma' l-*Management Letter* li ħejjew l-Awdituri tal-Kunsill. Is-Sindku qal li ħafna mill-punti li ssemmew fil-*Management Letter* huma fuq affarijiet tekniċi li ser jinġiebu għall-attenzjoni ta' l-*Accountant* tal-Kunsill u li għalihom ser twieġeb is-Segretarju Eżekuttiv. Is-Sindku nforma wkoll li l-awdituri kkumetaw fuq is-*subsistance allowance* li ġew approvati mill-Kunsill għal parteċipazzjoni fil-Proġett Reaction, fejn qalu li l-Kunsill ma kienx konformi mar-regolamenti f'dan ir-rigward. Huwa qal li l-Kunsill ser iħejji rapport dwar iż-żewġ avvenimenti li saru fis-sena 2013 u jekk jirriżulta li tħallsu xi flus żejda, dawn għandom jiġi rifużi lill-Kunsill. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

## 7. SEJĦA GĦALL-OFFERTI REF: RC(57/14/01) – ĠBIR TA' SKART DOMESTIKU

Il-Kunsill iddiskuta s-sejħa għall-offetti dwar il-kuntratt ta' ġbir ta' skart domestiku li għaliha ntefgħu erba' offerti. Is-Sindku rringrazzja lis-Segretarju Eżekuttiv li ħejjiet *adjudication report* dettaljat dwar l-offerti mitfuha. Is-Sindku rrefera għall-orħos offerta dik ta' Joseph Zammit u Spiridione Zammit. Huwa qal li kien tkellem ma' Sindki ta' lokalitajiet fejn dan il-kuntrattur jagħti dan is-servizz u jidher li dawn huma sodisfatti mis-servizz li joffri dan il-kuntrattur. Is-Sur Cutajar ċempel dak il-ħin stess lil dan il-kuntrattur u talbu jiġi l-Kunsill ħalli jiġu iċċarati xi dettalji qabel il-Kunsill jieħu deċizjoni. Filfatt waqt din l-istess laqgħa ġew Joseph Zammit u rappreżentant tiegħu li wieġbu għad-domandi tas-Sindku u Kunsillieri. Ġie stabbilit li jekk dan il-kuntrattur jingħata dan it-*tender* kien ser ikun qed jiġbor il-kartun li jinħareġ ma' l-iskart imħallat, billi dan jintefha f'kompartiment li hemm għal ta' l-apposta fl-*iskammel*. Ġie stabbilit ukoll li kemm il-darba jingħata dan il-kuntratt il-kuntrattur għandu jiddikjara bil-miktub li l-ħaddiema tiegħu mhumiex imħallsa bil-prekarjat. Is-Sindku saħaq dwar l-importanza li l-iskart jinħareġ fil-ħin stabbilit. Wara li ġew iċċarati d-dettalji kollha l-Kunsill kien sodisfatt u qabel li dan il-kuntratt jingħata lil Joseph Zammit u Spiridione Zammit.

## 8 XOGĦOLIJIET

### 8.1 Ġnien is-Serenita'

Il-Kunsill iddiskuta t-tmexxija ta' Ġnien is-Serenita' issa li x-xogħol ta' rinovazzjoni huwa komplut u dan il-ġnien reġgħa nfetaħ għal pubbliku. Il-Kunsill innota li s-servizz ta' *security* li qed jingħata bħalissa mhuwiex regolari u din is-sitwazzjoni qiegħda tkun inkwetanti. Ġie deċiż li l-Kunsill għandu jikteb lil Awtorita ikkonċernata dwar il-possibilta' li tinstab soluzzjoni għal dan in-nuqqas. Il-Kunsill iddiskuta wkoll il-proposta li tinħareġ sejħa għall-offerti għal kiri tat-*Tea Room* li

hemm f'dan il-ġnien. Is-Sindku qal li bħalissa l-Kunsill inkariga nutar biex jipprepara d-dokumenti neċessarji biex toħroġ sejħa ta' nteress għal kiri ta' din it-*Tea Room*. Fuq proposta tas-Sindku l-Kunsill qabel ukoll li sa kemm tinfetaħ it-*Tea Room* għandhom jitpoġġew *vending machines* li jbiegħu *drinks*, kafe u te.

Huwa qal ukoll li bħalissa għaddej ukoll il-proċess biex tiġi emendata l-Bye-Laws ta' dan il-ġnien. Il-Kunsill qabel li għandu jipproponi tariffi ġodda għal użu ta' dan il-ġnien. Il-Kunsill qabel li jipproponi li l-Bye-Laws ta' Ġnien is-Serenita' għandhom jiġu emmendati kif ġej:

Użu tal-Ġnien bħala *venue* għal tiġijiet etc: minn €1000 għal €3000.
Użu tal-Ġnien għal *photo sessions* ta' tiġijiet etc: minn €25 għal €50 fuq barra u €100 fil-*Pavillons.*

Is-Sindku qal li qed jinħass il-bżonn li l-Kunsill jikri s-servizz ta' kuratur tal-ġnien b'mod speċjali għal waqt l-attivitajiet li jsiru f'dan il-ġnien. Huwa qal li bħalissa hemm individwu li qed jagħmilha ta' ko-ordinatur ta' dan il-ġnien. Huwa qal li dan jirrikjedi dedikazzjoni u impenn kbir kif ukoll responsabbilta u għaldaqstant kien qed jipproponi li dan l-individwu għax-xogħol li wettaq biex saru l-preparamenti taċ-ċermononja ta' inagurazzjoni ta' dan il-ġnien fost ħafna oħrajn. Il-Kunsill qabel li dan l-individwu jitħallas s-somma ta' €200 tax-xogħol ta' ko-ordinatur ta' attivitajiet.

### 8.2 *Xogħol ta' resurfacing fi Triq Pensieri u Triq l-Iris*

Is-Sindku rrefera għal minuta 10.2 tal-laqgħa preċedenti li fiha kien ta nformazzjoni dwar ix-xogħol ta' *resurfacing* li kellu jsir fit-toroq hawn fuq imsemmija. Huwa qal li l-ispiża nvoluta ta' l-*extra works* telgħet għal madwar €41,668.61. Huwa qal li dan ix-xogħol ma kienx previst iżda fl-istess waqt ma setgħax ma jsirx. Huwa qal li l-Kunsill qed jitlob lil *Transport Malta* biex tidħol għal din l-ispiża. Is-Sindku qal ukoll li kien kiteb il-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma biex tħallas l-ispiża relatata ma' x-xogħol konness ma' l-bdil tal-*main* ta' l-ilma f'dawn it-toroq,

### 8.3 Monument fi Pjazza 7 ta' Lulju

Is-Sindku nformal-Kunsill li bħalissa qed jiġi żarmat il-monument fi Pjazza 7 ta' Lulju wara li dan sofra ħsara ntensiva fl-istruttura tiegħu. Huwa qal li l-artist ser ikun qed jaħdem fuq monument ġdid li għalih ser jintuża l-istess materjal li hemm bħalissa.

## 9 TMIEM/AĠĠORNAMENT

Il-Laqgħa ntemmet fis-6.30p.m.

Il-Kunsill jerġa’ jiltaqa' nhar it-Tnejn 23 ta' Ġunju 2014 fl-4.00p.m.

**Caroline Silvio**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Approvati llum ....................,...... ta' ......................… 2014**

**Frederick Cutajar**
**Sindku**